**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**

**Il-Pulizija**

**[Spettur Matthew Spagnol]**

**vs**

**Mahamed Hassan Muhudin**

**Kumpilazzjoni Numru: 340/2019**

**Illum, 27 ta' April, 2021**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi migjuba kontra Mahamed Hassan Muhudin detentur tal-permess ta' residenza Maltija bin-numru 0082053A:

1. Billi dan akkuzat talli Nhar it-31/05/2019, ghall-habta tal-ghaxra ta' filghodu (10:00hrs), fi triq San Gorg, fil-lokalita' ta' San Giljan.

    a. ikkommetta att ta' natura sesswali minghajr kunsens fuq il-persuna ta' Kaya Buhagiar;

       *(Art. 207, tal-Kap. 09 tal-Ligijiet ta' Malta)*

    b. ghad illi jkun xurban, qal fil-pubbliku xi kliem oxxen jew indecenti, jew jaghmel atti jew gesti oxxeni, jew b'xi mod iehor mhux provdut f'dan il-Kodici, joffendi l-morali, l-imgieba xierqa jew id-decenza pubblika;

       *(Art. 338(bb), tal-Kap. 09 tal-Ligijiet ta' Malta)*

    c. f'lok pubbliku jew miftuh ghall-pubbliku, kien fis-sakra b'mod li ma setax jiehu hsieb tieghu innifsu

       *(Art. 338 (ff), tal-Kap. 09 tal-Ligijiet ta' Malta*

2. Akkuzat aktar talli nhar il-31/05/2019, ghall-habta ta' nofsinhar (12:00hrs), gewwa l-ghassa ta' San Giljan, ghad illi jkun xurban, qal fil-pubbliku xi kliem oxxen jew indecenti, jew jaghmel atti jew gesti oxxeni, jew b'xi mod iehor li mhux

provdut f'dan il-Kodici, joffendi l-morali, l-imgieba xierqa jew id-decenza pubblika;

*(Art. 338 (bb), tal-Kap. 09 tal-Ligijiet ta' Malta)*

3. Akkuzat aktar talli fix-xahar ta' Mejju 2019, u fix-xhur ta' qabel:

   a. meta ma kellux ebda xorta ta' beni, u ma kellux mezzi ohra biex jghix, ma pruvax li hu fittex dejjem li jahdem xi arti jew sengha jew li jaghmel xi haga;

      *(Art. 338 (i), tal-Kap. 09 tal-Ligijiet ta' Malta)*

   b. ghex hajja ta' ghazz u ta' vagabuntagg;

      *(Art. 338 (w), tal-Kap. 09 tal-Ligijiet ta' Malta)*

Il-Qorti giet mitluba sabiex titratta lil Mahamed Hassan Muhudin bhala recidiv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kap. 09 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-ezami tal-imputat fil-prezentata fejn huwa wiegeb mhux hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih;

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata disa' (9) ta' Frar, 2021 fejn fiha elenka l-Artikoli tal-Ligi li bihom jitlob li tinstab htija u cioe:-

1. Fl-artikoli 17 u 31 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Fl-artikolu 207 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. Fl-artikoli 338(i), 338(w), 338(bb), 338(ff) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
4. Fl-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi wara li l-Artikoli gew moqrija l-imputat ma kellu l-ebda oggezzjoni li din il-Qorti tittratta u tiddeciedi dawn il-proceduri b'mod sommarju.

**Ikkunsidrat:**

Illi semghet lill-vittma <u>**Kaya Buhagiar**</u> li ghandha wiehed u ghoxrin (21) sena, fejn hija tghid illi kienet ghamlet rapport fl-ghassa ta' San Giljan fil-31 ta' Mejju madwar l-ghaxra ta' filghodu, illi meta marret fl-ATM tal-Bank of Valletta f'San Giljan hasset xi haga minn wara li beda jmissilha l-warrani. Hi tghid illi nhasdet u meta daret lura rat illi kien persuna maskili ta' karnaggion skura u li kien liebes flokk kulur *highlighted* u meta dan ra li hija kienet aggressiva

mieghu dan mexa zewg passi lura u beda jilghab bil-partijiet tieghu u beda johrog ilsienu wkoll. Hija tghid illi ghalhekk dahlet il-flus fil-portmoni u telqet tigri izda rrejalizzat li dan kien qed isegwiha. Hija tghid illi mmedjatament cemplet lil ommha fejn qaltilha x'kien gara u hi qaltli biex nibqa' sejra l-ghassa. Meta kienet l-ghassa l-pulizija haduha madwar San Giljan fejn dan sabuh u arrestawh. Fil-fatt ix-xhud identifikatu bhala l-imputat anke waqt li kienet qed taghti x-xhieda taghha. Fuq kontroezami hija tghid illi dak il-hin tal-incident kien hemm numru ta' nies fl-inhawi. Hija tghid ukoll illi ma jistax ikun li dan hakk maghha, izda tghid li l-imputat litteralment hatfilha l-warrani u baqa' jghafsu.

Xehdet <u>**WPC353 Geraldine Urry**</u> fejn tghid illi meta kienet l-ghassa ta' San Giljan nhar il-wiehed u tletin (31) ta' Mejju klimkien mal-vittma u l-imputat kien immanettjat fil-bitha tal-istess ghassa, hija nnotat illi l-imputat kien qieghed imiss il-partijiet intimi tieghu b'idu x-xellugija u beda' jitfala' l-bews u jehmizha l-hin kollu. Hija tghid illi kienet certa li dawn il-gesti kienu diretti lejha ghaliex hi kienet l-unika persuna li kienet qed thares lejh.

Imbaghad semghet it-testimonjanza ta' <u>**PS1540 Edmond Fenech**</u> fejn dan jghid illi dakinhar tal-incident ircievew diversi telefonati

filghodu fl-ghassa ta' San Giljan ta' atti ndecenti f'San Giljan minn persuna ta' karnaggjon skura li kien liebes flokk ahdar anke fuq minuri izda li dawn ma ridux imorru l-Qorti izda biss li l-pulizija jkunu jafu bih. Dan jghid illi meta cemplet Kaya Buhagiar f'xi l-ghaxra ta' filghodu fejn hi tat l-istess deskrizzjoni ta' din il-persuna li kien immolestaha. Hu kkonferma dak li kienet xehdet Kaya Buhagiar li kienu marru jduru San Giljan sakemm ma' l-imputat gie arrestat. Huwa xehed ukoll fuq l-incident li kien sar fuq il-kuntistabbli Geraldine Urry.

Xehed ukoll <u>l-Ispettur Leeroy Balzan Engerer</u> li esebixxa sentenza kontra l-imputat ai fini tal-addebitu tar-recidiva (Dok. LBE1).

Xehed l-ex <u>Spettur Matthew Spagnol</u> fejn identifika lill-imputat u fejn dakinhar tal-incident kien hemm diversi telefonati l-ghassa ta' San Giljan li kien hemm persuna ta' karnaggjon skura li kien qed jimmolesta xi nisa fosthom anke minuri. Huwa jiftakar ukoll it-telefonata ta' Kaya Buhagiar fejn din kienet identifikat lill-imputat u sussegwentement arrestawh. Jiftakar ukoll li l-imputat kien ghamel dawn it-tip ta' mossi sesswali anke lil WPC353. Huwa kkonferma wkoll id-dokumenti pprezentati f'dawn l-atti.

Xehdet ukoll l-Assistent Registratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali Maria Dolores Fenech fejn ikkonfermat illi ma kienx hemm appell mis-sentenza pprezentata mill-prosekuzzjoni u mmarkata bhala Dok. LBE1.

Finalment semghet ix-xhieda tal-imputat Hassan Muhudin Mahamed fejn xehed li dakinhar tal-incident huwa kien xurban fil-fatt kien xorob flixkun shih ta' zewg litri vodka. Huwa pero' kkonferma li kien San Giljan izda ma kien jiftakar xejn milli seta' gara.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-aktar akkuza gravi li qed tigi addebitata lill-imputat hija dik taht l-Artikolu 207 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta li tghid hekk:

> *"Kull min jinsab ħati ta' att ta' natura sesswali mingħajr kunsens li, fih innifsu, ma jkunx jikkostitwixxi wieħed mid-delitti ikkunsmat jew attentat, imsemmijin fl-artikoli ta' qabel ta' dan is-sub-titolu, jeħel il-piena ta' priġunerija minn tliet snin sa seba' snin:"*

F'dan l-istadju l-Qorti qed taghmel referenza ghall-Abbozz ta' Ligi (Att tal-2021 dwar Revizjoni ta' Reati Sesswali) fejn huwa mahsub illi l-Art. 207 jigi emendat sabiex il-piena tigi "li ma taqbizx seba' (7) snin" u ghalhekk din il-piena ser tigi wahda aktar ekwa specjalment ghall-fattispeci inkwistjoni.

Illi l-Qorti tal-Appell taghna kellha okkazzjoni taghti interpretazzjoni ta' dan l-artikolu fis-sentenza fl-ismijiet **<u>Pulizija vs Oglive Grima</u>** (deciza QA fit-30 ta' Settembru 2020):

> *".... permezz tal-emendi introdotti bl-Att XIII tal-2018 dan l-element gie eradikat biex b'hekk issa l-att materjali tar-reat twessa' u dan meta illum jitqies hati kull minn jikkometti att ta' natura sesswali minghajr il-kunsens tal-vittma, bil-ligi ma toffri ebda definizzjoni ta' dak li ghandu jikkostitwixxi l-att materjali.*
>
> *...Illi llum l-legislatur haseb sabiex darba ghal dejjem jekwipara dan l-element tal-vjolenza ma' dak tan-nuqqas*

*tal-kunsens similment għal posizzjoni legali fil-liġi brittanika fejn kull att sesswali jew tentattiv ta' att ta' natura sesswali mingħajr il-kunsens tal-vittma jammonta għal reita'. Jingħad madanakollu illi l-ġurisprudenza, mal-medda taż-żmien, xorta waħda rabtet dan l-element tal-vjolenza ma' dak fejn jonqos il-kunsens tal-vittma.*

*"L-attentat vjolent għall-pudur, jew oltraġġ vjolent għall-pudur, hu kostitwit minn dawk l-attijiet impudiċi kollha li jiġu kommessi fuq persuna oħra kontra l-volonta' tagħha li ma jammontawx għal wieħed mid-delitti, ikkunsmat jew attentat, imsemmijin fl-artikoli ta' qabel dak numru 222 tal-Kodiċi Kriminali. Hu diffiċli tirraviża l-figura ta' tentattiv ta' dan ir-reat; għax jekk l-attijiet impudiċi għandhom ġa bidu, l-attentat jispiċċa u dawk l-attijiet jirrappreżentaw vjolazzjoni ġa kompleta tad-dritt attakkat, mingħajr ma hemm bżonn li wieħed jara jekk il-ħati rraġġungiex jew le l-iskop impudiku tiegħu; mentri jekk l-atti impudiċi ma jkollhomx bidu, allura jitqiesu biss bħala atti preparatorji, u l-attentat jisparixxi."*

*Illi l-artikolu 3 tal-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-Prevenzjoni u l-Ġlieda kontra l-Vjolenza fir-rigward tan-Nisa u l-Vjolenza Domestika jaghti is-segwenti definizzjoni ta' dak li ghandu jikkostitwixxi vjolenza kontra n-nisa:*

*"violence against women" is understood as a violation of human rights and a form of discrimination against women and shall mean all acts of gender-based violence that result in, or are likely to result in, physical, sexual, psychological or economic harm or suffering to women, including threats of such acts, coercion or arbitrary deprivation of liberty, whether occurring in public or in private life."*

*Illi din id-definizzjoni thaddan fiha kull forma ta' vjolenza sew morali sew fizika, sesswali u psikologika jew kull forma ta' hsara maghmula kontra persuna tas-sess femminili li tinkludi anke it-theddida ghall-istess.*

*...Gie deciz illi anke l-att kważi fuġġesk tal-awtur tar-reat mhux magħmul b'intenzjoni libidinuża u wkoll nieqes mill-potenzjalita` korruttriċi iżda sufficjenti biex jiġi oltraġġat il-pudur tal-minorenni (jew almenu ta' uħud minnhom), kien bizzejjed sabiex jivverifika ruhu r-reat mahsub fl-artikolu 207 tal-Kodici Kriminali bhala aġir li għandu jitqies li jikkostitwixxi attentat vjolenti għall-pudur."*

Fir-reat in ezami l-Qrati taghna fosthom fil-kawza bl-ismijiet **Pulizija versus Gerald Cassar** deciza fit-18 ta' Lulju 1959 per Imhallef Flores intqal:

*"L-attentat vjolent ghall-pudur - il-vokabolu "attentat" fis-sens ta' "osare", "ardire", "thebb" - jew oltragg vjolent ghall-pudur, hu kostitwit minn "tutti quegli atti impudici commessi sopra altra persona contro la di lei volonta`" (Carrara, Programma, 1542), li ma jkunux jammontaw ghal wiehed mid-delitti, ikkunsmat jew attentat, imsemmija fl-artikoli ta' qabel l-art. 222 tal- Kodici Kriminali. "Nell'essenza di fatto del delitto di oltraggio violento al*

*pudore non si richieggono condizioni speciali per il lato dell'animo. Tutto il compendio degli elementi costitutivi del 'corpus criminis' in tale maleficio si esaurisce nelle condizioni materiali di un atto esercitato sulla persona altrui, dal quale ne risulti un oltraggio al di lei pudore, eseguito con pravo fine e previsione di tale risultato" (ibid 1548);"*

Ukoll, fis-sentenza **Pulizija vs Joseph Micallef** deciza fit-13 ta' Novembru 1998 mill-Prim Imhallef Dr V De Gaetano li jikkwota **Pulizija vs Kelinu Mifsud** mill-Imhallef William Harding deciza fit-8 ta' Novembru 1955 li:

*"il-kriterja differenzjali senjat mil-ligi stess bejn ir-reat ta' korruzzjoni ta' minorenni u dan ta' attentat vjolent ghal pudur, huwa wiehed negattiv fis-sens li jekk jikkonkorru fil-fatt addebitat lill-imputat r-rekwiziti ta' korruzzjoni ta' minorenni, hemm dan d-delitt, jekk le hemm l-attentat vjolenti ghal pudur."*

Issa punt iehor li qajjmet id-difiza fit-testimonjanza tal-imputat hu li l-imputat kien intossikat bl-alkohol meta allegatament ikkommetta dan ir-reat.

Fir-**Repubbblika ta' Malta v. Charles Steven Muscat** (AK Sup deciz 8/06/2006) inghad illi:-

> *"... wahda mill-eccezzjonijiet meta wiehed jista' jinvoka l-intossikazzjoni bhala difiza huwa jekk l-intossikazzjoni twassal ghal stat ta' genn. B'genn hawn hekk wiehed jifhem marda tal-mohh – jigifieri patologija dovuta direttament ghal intossikazzjoni li ggib fix-xejn f'dak li jkun jew il-kapacita ` tieghu li jaghraf jew il-kapacita ` tieghu li jrid ... jew wahda jew l-ohra. Jekk iggib fix-xejn jew il-kapacita ` tieghu li jaghraf jew il-kapacita ` tieghu li jrid allura hemmekk jekk dik l-inkapacita ` hija dovuta ghal marda tal-mohh – jigifieri marda li hija medikament accettata bhala marda tal-mohh – allura f'dak il-kaz ikollkom l-istat ta' genn.*

*Mela nerga' nirrepeti – b'genn wiehed jifhem marda tal-mohh, patologija, dovuta direttament ghal intossikazzjoni li ggib fix-xejn – fix-xejn – f'dak li jkun jew il-kapacita` tieghu li jaghraf jew il-kapacita` tieghu li jrid. B'genn hawn hekk mhux qed nitkellmu fi [recte: dwar] stat ta' konfuzjoni, sinjuri gurati, ta' tensjoni, ta' meta wiehed jghidlek qed niggennen bl-inkwiet li ghandi. Mhux dan li qed nifhmu hawn hekk stat ta' genn. Biex ikun hemm dan l-istat ta' genn dovut ghal intossikazzjoni jrid ikollok marda tal-mohh, jigifieri marda tal-mohh medikament riskontrabbli kif nafu, jigifieri li fix-xjenza medika, fix-xjenza psikjatrika hija rikonoxxuta bhala marda tal-mohh – sewwa – fil- mument li dak li jkun ghamel l-att in kwistjoni, u li dik il-marda tal-mohh tkun influwenzat b'mod partikolari l-kapacita` ta' dak li jkun li jaghraf, ossija li jifhem, jew il-kapacita` tieghu li jrid – tkun gabet wahda jew ohra minn dawn il-kapacitajiet fix-xejn, innewtralizzathom."*

*U aktar 'il quddiem fl-indirizz:*

*"... fil-ligi mhux kull komportament abnormali, stramb jew bizzarr huwa ekwivalenti ghal genn.... B'genn fis- sens tal-ligi nifhmu li jrid ikun hemm marda tal-mohh u allura xi haga li fil-medicina hija maghrufa bhala marda tal-mohh, li ggib fix-xejn fil-bniedem jew il-kapacita` tieghu li jaghraf x'inhuwa jaghmel – dik li nsejhulha la capacita` di conoscere jew la capacita` di intendere – iggib fix-xejn fil-bniedem jew il-kapacita` tieghu li jaghraf x'inhuwa jaghmel jew – jew wahda jew l-ohra – iggib fix-xejn il-kapacita` tieghu li jrid, cioe` ggib fix-xejn il-volonta`, dik li nsejhula la capacita` di volere.*

*X'nifhmu fil-ligi meta nghidu li persuna ma ghandhiex il-kapacita` li taghraf? Infissru li dik il-persuna ma kenitx taf x'inhija taghmel jew ma kenitx taf li dak li ghamlet hija haga hazina. Bl-Ingliz nghidu did not know the nature or the quality of the act, or did not know that it was wrong ....*

*Mela jekk intom tghidu li fil-mument ta' l-att Muscat kien affett minn marda tal-mohh, marda tal-mohh li hija*

*rikonoxxuta fil-medicina jew psikjatrija, tridu taraw pero` wkoll jekk minhabba din il-marda tal-mohh hu ma kienx jaf x'inhuwa jaghmel jew ma kienx jaf li dak li qed jaghmel kienet xi haga hazina, ghax jekk minkejja li kellu marda tal-mohh hu kien jaf x'inhuwa jaghmel f'dak il-mument partikolari .... Jekk minkejja li l-akkuzat kien fi stat - kif issemma' hawn hekk - psikotiku, jekk minkejja dak l-istat psikotiku fil- mument li ghamel xi att partikolari u dak l-att huwa kontra l-ligi ... huwa kien jaf x'inhuwa jaghmel ... u kellu volonta` bizzejjed, jigifieri kien irid, dak li kien qieghed jaghmel, allura minkejja li kien qieghed fi stat ta' psikozi allura ma hemmx il-genn fis-sens tal-ligi, sinjuri gurati ....*

*Jekk intom tkunu sodisfatti imqar fuq bazi ta' probabilita` li l-akkuzat kellu marda tal-mohh fil- mument li ghamel xi haga pero` tridu tkunu sodisfatti wkoll li dik il-marda tal-mohh gabet fix-xejn il- kapacita` tieghu li jaghraf jew li jrid - jekk gabet fix-xejn wahda minnhom bizzejjed - ikollok l-istat ta' genn, allura intom tiddikjarawh mhux hati minhabba stat ta' genn .... Allura araw jekk hawn hekk*

*hawnx prova li hawn kien hawn marda rikonoxxuta medikament - issemmiet psikozi, araw intom x'qal Dr. Spiteri, pero` tridu tkunu sodisfatti wkoll imqar fuq bazi ta' probabilita` li l-akkuzat meta ghamel dak li ghamel dik il-marda tal-mohh kienet qieghda tippriva kompletament mill-kapacita` li jaghraf jew mill- kapacita` li jrid. F'dak il-kaz ikollok id-demenzja fis-sens tal-ligi - u qeghdin taraw li d-demenzja fis-sens tal-ligi hija differenti mid-demenzja kif jifhmuha t-tobba, kif jifhimha l-psikjatra - il-psikjatra ghalih huwa stat ta' fatt kliniku ... pero` wiehed irid jara f'dak l-istant partikolari ta' l-att kenitx qed iggib fix-xejn il-kapacita` ta' dak li jkun li jaghraf jew li jrid....*

*Jekk jirrizulta dan l-istat ta' genn anke jekk temporanju fil-mument tal-ghemil ta' xi reat, jigifieri marda tal-mohh li ggib fix-xejn il-kapacita` tal- bniedem li jaghraf jew li jrid fis-sens kif spjegajtilkom, allura dak il-bniedem ma hux kriminalment responsabbli ta' dak li ghamel, u dan irrispettivament minn jekk dak li jkun hax ix-xorb jew id-droga volontarjament o meno - hawn hekk meta si tratta ta' genn, sinjuri gurati, il-ligi ma tiddistingwix bejn*

*voluntary jew involuntary intoxication, ma taghmilx differenza." . . . .*

*Biex difiza taht l-artikolu 34(4) tal-Kodici Kriminali tirnexxi, irid jigi pruvat illi l-istat ta' intossikazzjoni ta' l-akkuzat kien tali li min ikkommetta r-reat ma setax jifforma l-intenzjoni rekwizita, specifika jew xort'ohra.*

*Din il-Qorti taqbel ma' dak li qalet l-ewwel Qorti li "jekk inti ghandek il-memorja ta' xi haga dak normalment il-bwon sens jghidlek li allura inti kont taf [x'ghamilt]" (sottolinear ta' din il-Qorti). Hija fil-fatt irreferiet ghall-ezempju klassiku tal-bniedem li jkun f'sakra mewt u li l-ghada ma jiftakar xejn minn dak li ghadda minghalih, u qalet: "Jekk minhabba l-intossikazzjoni persuna ma setghetx tifforma intenzjoni – mhux kien difficli ghaliha li tghid le, sinjuri gurati – ma setghetx tifforma intenzjoni, jigifieri l-kapacita` taghha li tifforma intenzjoni tkun giet, ingabet fix-xejn, zero, sewwa ... allura ma tistax tinstab hatja ta' reat doluz, jigifieri to a wilful offence, pero` ...*

*tista' tinstab hatja ta' reat kolpuz, jigifieri ta' reat involontarju , to a negligent offence."*

*Il-gurisprudenza kostanti tal-Qrati taghna hi fis-sens li biex stat ta' sokor jeskludi l-imputabilita`, is-sokor irid ikun ta' grad tali li jnehhi l-koxjenza jew il-volontarjeta` ta' l-att kostitwenti r-reat, u cioe` li fil-hin tar-reat l-akkuzat ma kienx jaf x'qed jaghmel jew ma kienx jaf li dak li kien qed jaghmel kien xi haga hazina. Skond din il-gurisprudenza wkoll il-fatt li akkuzat jiftakar dak li jkun gara, ez. fi stqarrija dettaljata lill-Pulizija, jikkostitwixxi prova li huwa kien koxjenti ta' dak li kien qieghed jaghmel."*

Illi f'dawn il-proceduri l-allegazzjoni ta' sokor saret biss fix-xhieda tal-imputat meta dan jghid illi ma kien jiftakar xejn minn dak li kien gara ghaliex kien xorob flixkun Vodka. Izda bir-rispett kollu dan mhux bizzejjed sabiex tigi ppruvata din id-difiza. Id-difiza qatt ma talbet li jitqabbad xi espert sabiex jigi ezaminat l-imputat u wisq aktar, l-anqas giet sollevata din l-eccezzjoni. Illi

ghalhekk hija l-fejma tal-Qorti li din ma tistax tittiehed in konsiderazzjoni f'dan il-kaz.

Illi l-Qorti thoss illi l-prosekuzzjoni rnexxielha tipprova dak li kienet rikjesta li tipprova u cioe' li gara l-att kontra l-pudur tal-persuna minghajr il-kunsens taghha. Infatti l-vittma tghid b'mod esplicitu li hija aggredit lill-imputat appena dan qabdilha l-warrani u anke wara li beda jmiss il-partijiet tieghu hija telqet tigri 'l hemm. Illi giet ukoll ippruvat l-addebitu tar-recidiva fejn giet ipprezentata sentenza Dok. LBE1.

Illi bir-rispett kollu ma gewx ippruvati l-kontravvenzjonijiet kollha li gew addebitati lill-imputat ghaliex ma ngabitx l-ebda prova ohra in sostenn ta' dawn l-akkuzi hlief dik taht l-Artikolu 338(bb) li tirreferi ghall-atti oxxeni li beda jaghmel l-imputat lejn il-kuntistabbli Geraldine Urry fl-ghassa ta' San Giljan wara l-arrest tieghu hekk kif xehdet l-istess kuntistabbli.

Illi a rigward tal-piena li ser tigi nflitta din il-Qorti thoss illli ghandha tinfliggi piena ekwa hekk kif intqal aktar 'il fuq f'din is-sentenza u f'sinktonija mal-Abbozz ta' Ligi li jemenda l-Artikolu inkwistjoni.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 17, 21, 31, 49, 50 u 207 u 338 (bb) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed issib lill-imputat **Mahamed Hassan Muhudin** hati tal-akkuzi 1(a) u 2 kif ukoll ghall-addebitu tar-recidiva u tikkundannah ghall-piena ta' prigunerija effettiva ghal seba' (7) xhur, filwaqt li tilliberah mill-akkuzi kollha l-ohra fuq nuqqas ta' provi.

__________________________________________

**Ft./Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Deputat Registratur**